MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 890/2011

**Carmel Callus u ħuh Angelo Callus**

**-vs-**

**Francis Callus**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-12 ta’ Settembru 2011 li permezz tiegħu l-atturi ppremettew:

A. **Dikjarazzjoni tal-fatti**

1. Illi r-rikorrenti huma ko-proprjetarji tal-fond *ossia* garaxx mingħajr isem iżda għandu n-numru sitta u ħamsin (56) fi Triq Matteo Saliba, Żurrieq konfinanti mill-majjistral mal-imsemmija Triq, grigal ma’ beni ta’ wieħed magħruf bħala Ġanni ż-Żejtuni, u lbiċ ma’ beni ta’ Pupull magħruf bħala ta’ Ħalulu skond id-deskrizzjoni li hemm fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja liema fond *ossia*

garaxx wasal f'isem ir-rikorrenti u l-intimat mill-wirt tal-ġenituri tagħhom u dan skond il-*causa mortis* ta' ommhom Agata fis-7 ta' Novembru 1995 fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja u dik ta' missierhom Michele Angelo li saret fil-21 ta' Lulju 2005 fl-atti tal-istess Nutar Mario Bugeja (dokumenti hawn annessi u mmarkati bħala "CC" u "CC1");

2. Illi r-rikorrenti flimkien mal-intimat kellhom l-pussess tal-imsemmi fond *ossia* garaxx mingħajr isem iżda għandu n-numru sitta u ħamsin (56) fi Triq Matteo Saliba Żurrieq b'dana li anke kellhom ċavetta tal-istess garaxx li kienu jużawh b'mod regolari u kellhom xi oġġetti fih;

3. Illi reċentament, u ċjoe' fl-20 ta' Lulju 2011 ir-rikorrenti sabu li l-intimat qabad u biddel is-serratura tal-imsemmi fond ossia garaxx mingħajr isem iżda għandu n-numru sitta u ħamsin (56) fi Triq Matteo Saliba Żurrieq b'dana illi r-rikorrenti spiċċaw li ma jistgħux jidħlu fl-imsemmi garaxx u għalhekk ġew ċaħħadhom mill-pussess tal-imsemmi fond *ossia* garaxx;

4. Illi bl-aġir tiegħu l-intimat kkommetta spoll vjolenti u klandestin fil-konfront u għad-dannu tar-rikorrenti;

5. Illi minkejja li r-rikorrenti interpellaw lill-intimat sabiex jerġa jpoġġihom fl-istess pożizzjoni li kienu qabel dan baqa' inadempjenti u għalhekk kellha ssir dina l-kawża;

6. Illi dawn il-fatti kif hawn dikjarati huma a diretta konoxxenza tar-rikorrenti.

B. **Raġuni għat-talbiet f'dawn il-proċeduri**

Illi r-rikorrenti huma ko-proprjetarji tal-fond *ossia* garaxx mingħajr isem iżda għandu n-numru sitta u ħamsin (56) fi Triq Matteo Saliba Żurrieq konfinanti mill-majistral mal-imsemmija Triq, grigal ma' beni ta' wieħed magħruf bħala Ġanni ż-Żejtuni u lbiċ ma' beni ta' Pupull magħruf bħala

ta’ Ħalulu skond id-deskrizzjoni li hemm fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja liema fond *ossia* garaxx ġie f’isem ir-rikorrenti u l-intimat bħala werrieta universali tal-ġenituri tagħhom. Illi huma flimkien mal-intimat kellhom l-pussess tal-imsemmi fond *ossia* garaxx b’dana li kellhom ċavetta tal-istess garaxx li kienu jużawh b’mod regolari u kellhom xi oġġetti fih. Madankollu reċentament, u ċjoe’ fil-ġranet viċin is-16 ta’ Lulju 2011 ir-rikorrenti sabu li l-intimat qabad u biddel is-serratura tal-imsemmi garaxx li għandu n-numru sitta u ħamsin (56) fi Triq Matteo Saliba, Żurrieq b’dana illi huma spiċċaw li ma jistgħux jidħlu fl-imsemmi garaxx u għalhekk ċaħħadhom mill-pussess tal-imsemmi garaxx;

C. **Talbiet tar-rikorrrenti**

Għaldaqstant ir-rikorrenti in vista ta’ dak kollu fuq premess, jitolbu li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:-

a) Tiddikjara illi bl-aġir tiegħu, l-intimat Francis Callus ikkommetta spoll vjolenti u klandestin għad-dannu tar-rikorrenti;

b) Sussegwentement tikkundanna lill-istess intimat jispurga l-ispoll minnu kommess billi jerġa jagħti aċċess sħiħ u liberu tal-imsemmi garaxx mingħajr isem iżda għandu n-numru sitta u ħamsin (56) fi Triq Matteo Saliba, Żurrieq lir-rikorrenti;

c) Tikkundanna lill-istess intimat sabiex fi żmien qasir u perentorju ffissat minn dina l-Onorabbli Qorti, jagħti ċavetta lir-rikorrenti biex ikunu jistgħu jerġgħu jiġu ri-ammessi fil-pussess u jkunu jistgħu jidħlu u joħorġu u jużaw l-imsemmi fond *ossia* garaxx mingħajr isem iżda għandu n-numru sitta u ħamsin (56) fi Triq Matteo Saliba, Żurrieq konfinanti majjistral mal-imsemmija Triq, grigal ma’ beni ta’ wieħed magħruf bħala Ġanni ż-Żejtuni u lbic ma’ beni ta’ Pupull magħruf bħala ta’ Ħalulu skond kif hemm deskritt fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja;

d) Tordna li fin-nuqqas li dan isir tawtorizża lir-rikorrenti li jagħmlu dak kollu meħtieġa biex huma jaċċedu

u jkollhom aċċess liberu għall-imsemmi fond *ossia* garaxx mingħajr isem iżda għandu n-numru sitta u ħamsin (56) fi Triq Matteo Saliba, Żurrieq konfinanti majjistral mal-imsemmija Triq, grigal ma' beni ta' wieħed magħruf bħala Ġanni ż-Żejtuni u lbiċ ma' beni ta' Pupull magħruf bħala ta' Ħalulu skond kif hemm deskritt fl-at tan-Nutar Mario Bugeja, bl-għajnuna, jekk ikun meħtieġ, tal-uffiċjal tal-Pulizija, u dan kollu a spejjeż tal-istess intimat.

Bl-ispejjeż kontra l-istess intimat li jibqa' minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat naqas illi jippreżenta risposta u għalhekk huwa kontumaċi skond il-liġi;

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' Frar 2012 li permezz tagħha il-kawża tħalliet għas-sentenza fuq il-kap tal-ispejjeż wara li d-difensur tal-atturi ddikjara illi l-istess atturi rċevew iċ-ċwievet tal-fond in kwistjoni fil-mori tal-kawża;

Ikkunsidrat;

Illi kif huwa ndikat fir-rikors promotur u fil-verbal imsemmi, il-konvenut irritorna ċ-ċwievet tal-fond fil-mori tal-kawża, u għalhekk għandu jiġi kkundannat iħallas l-ispejjeż billi dan seta' għamlu qabel ma ġiet istitwita l-kawża;

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talbiet dwar il-mertu, tikkundanna lill-konvenut biex iħallas l-ispejjeż tal-kawża.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------